MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 935/1997/1

**Ramco Limited**

**v.**

**Emanuel Zammit u Josephine Zammit**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici li tghid hekk:
"Premess illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta` attrici ghal xoghijiet u fornituri ta' xoghlijiet esegwiti mis-socjeta` attrici fil-fond Springfield Hotel u ta' Natu, f'Bugibba, proprjeta` tal-konvenuti, fosthom xoghol ta' gypsum,

injam, aluminium u spray, liema xoghlijiet saru fuq inkarigu tal-konvenuti;

"Premess illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati jersqu ghal-likwidazzjoni u ghall-hlas ta' dawn ix-xoghlijiet, huma baqghu inadempjenti;

"Jghidu ghalhekk il-konvenuti jew min minnhom ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

"1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta` attrici ghamlet diversi xoghlijiet u fornituri kif fuq spjegat, fuq inkarigu tal-konvenuti fil-fond Springfield Hotel u f'Ta' Natu Restaurant, Pioneer Road, Bugibba;

"2. Tillikwida l-ammont dovut lis-socjeta` attrici;

"3. Tikkundanna solidament lill-konvenuti jew min minnhom ihallas dan l-ammont hekk likwidat.

"Bl-ispejjez kotnra l-konvenuti jew min minnhom ingunti in subizzjoni."

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:
"1. Illi in linea preliminari diga` hemm pendenti, quddiem din l-Onorabbli Qorti, kif diversament preseduta, kawza ohra fuq l-istess mertu u ghaldaqstant id-dirigenti tas-socjeta` attrici ghandhom jirregolaw il-posizzjoni taghhom.

"2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuti ma humiex il-legittimi kontraditturi tas-socjeta` attrici stante illi huma qatt ma dahlu f'xi relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici f'isimhom personali izda ghan-nom, f'isem u fl-interess tas-Socjeta` Springfield Company Limited li tiggestixxi n-negozju ta' lukandier taht l-isem ta' Springfield Hotel u dan kif jirrizulta mill-kopja tal-ftehim li permezz tieghu gie koncess x-xoghol b'appalt lis-socjeta` attrici li kopja tieghu qieghda hawn tigi annessa u markata "Dok A" liema ftehim huwa l-bazi illi fuqu nhargu u gew accettati diversi l-kambjali.

"3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost mhux minnu illi l-konvenuti naqsu milli jhallsu l-ammont dovut minnhom izda kienet is-socjeta` attrici illi naqset milli tikkonsenja l-kambjala bl-ircevuta kif imiss u dan bi ksur ta' l-Artikolu 194 tal-Kodici tal-Kummerc kull meta l-konvenuti affetwaw pagament ghal-liema raguni l-istess konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-attur stante illi prevalew ruhhom mid-dritt moghti lilhom mil-ligi permezz ta' l-Art. 194 aktar 'il fuq precitat.

"4. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost, is-socjeta` attrici, qabel ma tistitwixxi t-talba odjerna kellha tiprevalixxi ruhha u timxi skond il-procedura stabbilita mill-Kodici tal-Kummerc f'kaz ta' rifjut tal-hlas ta' kambjala liema procedura s-socjeta` attrici naqset milli tosserva u ghal-liema raguni l-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

"5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, saru diversi laqghet dwar din il-pendenza u fl-ahhar wahda mizmuma kien intlahaq ftehim, u s-socjeta` attrici accettat, illi hija kellha, u ghandha, tirrevedi l-prezzijiet ta' diversi xoghlijiet minnha inkorsi stante illi huma eccessivi u prezentement hija l-istess socjeta` attrici illi qieghda tonqos milli tipprovdi revizjoni ta' dawn ix-xoghlijiet ghal-liema raguni l-konvenuti ma ghandhom ibatu l-ebda spejjez.

"Salv eccezzjonijiet ohra."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Jannar 2006, li in forza taghha l-kawza giet deciza fis-sens li l-konvenuti gew ikkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici Lm18,174.05; peress li s-socjeta` attrici kienet qieghda titlob wisq, ordnat li ghal din ir-raguni, l-ispejjez ghandhom jinqasmu billi 1/20 thallashom s-socjeta` attrici u 19/20 ihallsuhom il-konvenuti;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Il-konvenuti kienu taw xogħol b’appalt lis-soċjetà *Ramco Limited*. Billi l-konvenuti ma kellhomx flus biżżejjed biex

jiffinanzjaw il-proġett, kien ħareġ tnejn u erbgħin elf lira (Lm42,000) b'self Mario Sciberras, wieħed mid-diretturi tas-soċjetà attriċi, u l-konvenuti kienu aċċettaw kambjalijiet għar-radd tas-self. Billi l-konvenuti ma ħallsux il-kambjalijiet, Mario Sciberras kien fetħilhom kawża — ċitazzjoni numru 2528/1997 fl-ismijiet **Mario Sciberras *versus* Emanuel Zammit *et*** li nqatgħet illum ukoll — li hija l-kawża msemmija fl-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti. Dik il-kawża ma hijiex bejn l-istess partijiet, għax l-attur f'dik il-kawża huwa Mario Sciberras *proprio* u mhux is-soċjetà *Ramco Limited*, u lanqas ma hija dwar l-istess meritu, għax dik il-kawża kienet għar-radd ta' self waqt illi l-kawża tallum hija għall-ħlas ta' xogħol magħmul b'appalt. Għalhekk ma hux il-każ illi tintlaqa' l-ewwel eċċezzjoni, li hija eċċezzjoni ta' *lis alibi pendens*.

"It-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet ukoll ma humiex relevanti għall-kawża tallum, għax huma eċċezzjonijiet li jolqtu azzjoni kambjarja u l-kawża tallum ma hijiex azzjoni kambjarja iżda azzjoni għall-ħlas ta' xogħol magħmul b'appalt.

"Fadal għalhekk li nqisu t-tieni eċċezzjoni, dwar jekk il-konvenuti humiex kontraditturi leġittimi f'din il-kawża, u l-aħħar eċċezzjoni, li tolqot il-*quantum*, billi ma huwiex kontestat illi l-attriċi tassew għamlet xogħlijiet.

Ngħaddu għalhekk biex inqisu l-eċċezzjoni dwar il-kontraditturi leġittimi.

Il-ftehim ta' appalt sar b'kitba ta'l-24 ta' Jannar 1995[1]. Il-ftehim sar bejn "*Mr. Em. And Mrs Josephine Zammit of Springfield Hotel, Pioneer Road, Bugibba*", min-naħa l-waħda, ,u "*Mr R. Buhagiar and Mr M.P. Sciberras for and on behalf of Ramco Ltd of Summerfield, Triq Alfred Camilleri, Attard*". Jidher ċar minn dan illi l-konvenuti daħlu fil-ftehim f'isimhom *proprio* u mhux f'isem *Springfield Company Limited*, li lanqas biss tissemma' fil-ftehim. Issemma *Springfield Hotel* — li ma huwiex persuna ġuridika — biss bħala indirizz u mhux biex juri illi l-konvenuti qegħdin jidhru f'xi kwalità rappreżentativa.

[1] *Fol*. 10.

"L-eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda.

"Ngħaddu issa għall-*quantum* tal-ħlas li jmiss għax-xogħlijiet li għamlet is-soċjetà attriċi.

"Is-soċjetà attriċi qiegħda tippretendi illi x-xogħol jiswa tlieta u sebgħin elf u sebgħa u erbgħin lira (Lm73,047) barra t-taxxa fuq il-valur miżjud[2]; bit-taxxa l-figura titla' għal erbgħa u tmenin elf u erba liri u ħames ċenteżmi (Lm84,004.05)[3]. Minn dan il-konvenuti ħallsu dsatax-il elf lira (Lm19,000), barra l-ħlas ta' tnejn u erbgħin elf lira (Lm42,000) li kien ħareġ Mario Sciberras.

"Billi dwar il-*quantum* ma hemmx qbil bejn il-partijiet, il-qorti b'dikriet tal-31 t'Ottubru 2002[4] ħatret perit tekniku sabiex igħid kemm jiswew ix-xogħlijiet li għamlet is-soċjetà attriċi. Il-perit irrelata fid-19 ta' Ġunju 2003[5] u sab illi kien hemm differenza ta' erbat elef u mitejn lira (Lm4,200) favur il-konvenuti. Għalhekk il-prezz tax-xogħlijiet jinżel għal tmienja u sittin elf, tmien mija u sebgħa u erbgħin lira (Lm68,847) barra t-taxxa fuq il-valur miżjud. B'kollox għalhekk il-prezz jiġi disgħa u sebgħin elf, mija u erbgħa u sebgħin lira u ħames ċenteżmi (Lm79,174.05). Minn dawn il-konvenuti ħallsu dsatax-il elf lira (Lm19,000), u kien ħarġilhom tnejn u erbgħin elf lira (Lm42,000) Mario Sciberras; għalhekk b'kollox sar ħlas ta' wieħed u sittin elf lira (Lm61,000) u jifdal bilanċ ta' tmintax-il elf, mija u erbgħa u sebgħin lira u ħames ċenteżmi (Lm18,174.05)."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenuti li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u dan billi tilqa' l-aggravji taghhom u tichad it-talbiet tas-socjeta` appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess socjeta` appellata;

---

2 Ara l-prospett imhejji mis-socjetà attrici, *foll.* 20 *et seqq.*
3 *Fol.* 39.
4 *Fol.* 67.
5 *Foll.* 108 *et seqq.*

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet biex din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenuti xtraw bicca art li fuqha riedu jibnu lukanda; ghal dan l-iskop iffurmaw kumpanija kummercjali u inkarigaw lis-socjeta` attrici taghmel parti mix-xoghol relattiv. Meta tlestew ix-xoghlijiet u gie prezentat il-kont finali, il-konvenuti oggezzjonaw ghal dan il-kont ghax hassew li kien esagerat. Peress li ma sarx qbil dwar il-kont, is-socjeta` attrici istitwiet din il-kawza u talbet li jigi likwidat u mhallas lilha dak dovut. Il-konvenuti kkontestaw mhux biss il-konteggi tas-socjeta` attrici, izda r-responsabbilita` personali taghhom ghall-hlas ghax allegaw li kull ammont talvolta dovut, hu dovut mis-socjeta taghhom, Springfield Co Ltd, u mhux minnhom personalment.

Is-socjeta` attrici pprezentat prospett li fih indikat li kien ghad fadlilha bilanc x'tiehu ta' Lm54,047, izda l-ewwel Qorti, wara li hatret perit tekniku biex jezamina din il-pretensjoni, sabet li l-ammont dovut hu ta' Lm18,174.05. Sabet ukoll li r-responsabbilita` ghal dan il-hlas hija tal-konvenuti personalment u mhux tas-socjeta`.

Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza bl-aggravji jkunu, l-ewwel, dwar l-involviment personali taghhom fin-negozju, u t-tieni, dwar il-bilanc finali likwidat, u dan peress li xoghol addizzjonali li sar minghajr il-permess esplicitu taghhom kellu jigi injorat, u li l-ftehim dwar l-appalt kien ikopri l-VAT, u m'ghandhiex terga' tizdied din it-taxxa fuq il-bilanc dovut.

Trattat l-ewwel aggravju, il-principju fundamentali u kardinali li jirregola lill-kontraenti fil-kuntratti huwa l-ewwel

u qabel kollox li jkun hemm konoxxenza cara u sinciera ta' min huma verament il-kontraenti.  Dan il-principju huwa l-pedament u s-sisien li fuqhom inbena l-principju legali konsegwenzjali fl-Artikolu 993 tal-Kodici Civili, u cioe`, li "il-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-bona fidi".

F'dan ir-rigward il-ligi trid tissalvagwardja kontra l-abbuz ta' kontraent li biex jizgicca milli jadempixxi l-obbligi kontrattwali tieghu fil-konfront tal-kontraent l-iehor, malizjozament jinheba wara l-maskra ta' haddiehor u jghid li m'huwiex il-kontraent.

Ghalhekk il-gurisprudenza taghna holqot prezunzjoni bazata fuq dak li normalment jaghmel il-bniedem, u cioe`, li l-kontraent jikkuntratta ghalih innifsu, u dan kif esprimiet ruhha din il-Qorti fil-kawza **Cefai noe. v. J&M Aluminium Ltd**, deciza fl-1 ta' Frar 2008, fejn qalet *"il-prezunzjoni hi li min jikkuntratta jaghmel dan f'ismu u mhux f'isem persuna ohra."*

Fil-kawza **Demanuele v. Gagliano**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Mejju 1995, intqal li *"min jallega li kuntratt ghamlu mhux f'ismu izda fil-kwalita` rapprezentattiva, ghandu l-oneru li juri li lill-parti l-ohra kien gharrafha li ma kienx qed jidher f'ismu."*

Issa f'dan il-kaz, il-ftehim ta' appalt sar bil-miktub, u fuq dan il-ftehim, filwaqt li dehru s-Sinjuri Buhagiar u Sciberras *"for and on behalf of Ramco Ltd"*, il-konvenuti dehru f'isimhom bl-indirizz Springfield Hotel, Pioneer Road, Bugibba;  is-socjeta` Springfield Co Ltd ma tissemma' imkien.  Hu car li, inattez dak li kellhom f'mohhom il-konvenuti, il-ftehim ghamluh f'isimhom *proprio*, u f'ebda mument ma involvew lill-kumpanija.  Hija irrilevanti s-sottomissjoni li "l-animu li bih iffirmaw l-esponenti appellanti zgur ma kienx dak f'isimhom personali", ghax ghal dak li hu importanti ghall-kontrattazzjoni huwa l-manifestazzjoni tal-volonta`, u jekk bil-kitba persuna tobbliga ruhha *di proprio*, hu immaterjali x'seta' kien il-hsieb taghha.

Kwindi l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Fil-kuntest tat-tieni aggravju, hu veru li l-ftehim ta' appalt jghid li *"additions, alterations and/or deviations must be agreed beforehand in writing...."* pero`, ix-xoghol kollu *extra* li sar gie vverifikat u kontrollat mill-perit tekniku mahtur mill-Qorti; dawk ix-xoghlijiet li ma setghux jigu vverifikati mill-perit tekniku ma gewx ikkunsidrati mill-Qorti ghall-kalkolazzjoni tal-bilanc finali. Sa fejn, pero`, seta' jigi verifikat, ix-xoghol kien kollu mehtieg ghall-ahjar ezekuzzjoni ta' l-appalt, thalla fil-post mill-konvenuti u qed jigi utilizzat minnhom. Fi kliem iehor, il-konvenuti ma jistghux, filwaqt li jzommu l-benefikati "*extra*" li saru, jirrifjutaw li jhallsu ghalihom. Fuq kollox, ix-xoghol *extra* ma sarx fuq inizjattiva tas-socjeta` attrici, izda wara istruzzjonijiet li kienet tirciev fuq il-lant tax-xoghol mill-istess konvenuti jew minn certu Ray Farrugia, inkarigat mill-konvenuti bhala "*designer*" biex jiehu hsieb l-*embellishment* tal-lunkanda. Inoltre, il-konvenuti kienu jkunu regolarment fuq is-sit, u qatt ma oggezzjonaw ghax-xoghol *extra* li kienu jaraw qed isir.

Apparti dan, hemm il-konsiderazzjoni l-ohra li, skond il-perit tekniku li ezamina x-xoghol li sar, is-suppost *"extra works"* li gew indikati, ma jistghux jitqiesu bhala addizzjonali jew alterazzjonijiet ghall-kuntratt originali, imma rizultat ta' kuntratt gdid peress li, fil-maggoranza tal-kazi, kienu "ta' natura kompletament differenti mix-xoghlijiet kwotati originarjament."

Kwindi, kollox ma kollox anke dan l-aggravju ma jimmeritax li jigi akkolt.

Ghar-rigward tal-kwisjtoni tal-VAT, filwaqt li l-Artikolu 49(2) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta) jghid li "fejn l-ammont ta' taxxa li ghandu jithallas taht dan l-att ma jkunx identifikat fi hlas ghal provvista taxxabbli jew fi prezz imhallas .... dak il-hlas jew prezz ghandu jitqies li jkun jinkludi t-taxxa", f'dan il-kaz, meta giet ipprezentata l-lista tal-prezzijiet intqal car li dawk il-prezzijiet kienu "*excluding* VAT". Allura ma jistax jinghad li l-prezz jinkludi t-taxxa, peress li l-kuntrarju gie indikat <u>espressament</u> fil-lista tal-prezzijiet.

L-aggravju relattiv qed jigi, ghalhekk, michud.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenuti billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza ta' l-ewwel Qorti.

L-ispejjez in prim istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, waqt li dawk ta' din it-tieni istanza ghandhom jithallsu kollha mill-konvenuti appellanti *in solidum*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------